MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 1317/1994/1

**Carmelo, Grezzju, Sapienza u Lourdes mart Rosario Camilleri u l-istess Rosario Camilleri u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 1995 gew mizjuda l-kliem "ilkoll ahwa Bonnici"**

**v.**

**George Diacono u b'digriet tas-17 ta' Jannar 1996 gew mizjuda "u martu Mary Lourdes Diacono"**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru, 1994, illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma l-proprjetarji ta' gnejna b'razzett f'Hal-Kirkop li tintlahaq minn passagg dejjaq u twil li jisbokka f'bieb bin-numru 36 Saint Benedict Street, Kirkop; illi s-servitù hija stabbilita b'kuntratt u hija ezercitabbli minn ghalqa proprjetà tal-konvenut; illi l-konvenut ostakola d-dritt ta' access liberu lill-atturi minn fuq l-istess passagg fil-waqt li ghamel xogholijiet konsistenti filli dejjaq dan il-passagg ghal-cirka pied u nofs wiesgha billi tella hajt maz-zewgt nahat tieghu; illi l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll abusiv u vjolenti kontra l-atturi; illi l-atturi talbu u ottenew kontra l-konvenut mandat ta' inibizzjoni li bih gie inibit li jtella l-hajt jew li b'xi mod jostakola l-access liberu tal-atturi minn l-istess passagg; illi l-konvenut ghalaq bir billi ghamel tlett xoroq fil-bokka tieghu b'risultat illi l-ambjenti proprjetà ta' l-attur Grazio Bonnici u konsistenti f'kamra imdaqsa qieghdin jircevu fihom l-ilma tax-xita b'pregudizzju u danni ghall-istess; illi l-konvenut nehha l-finestrun tal-bieb ta' barra ossia ta' 36 St Benedict Street Kirkop li jaghti ghat-triq liema bieb huwa komuni; talbu ghaliex: 1. il-konvenut m'ghandux jigi kundannat sabiex qabel xejn jirrintegra (*sic*) lill-atturi fil-pussess tas-servitù liberu u mhux ostakolat li l-istess atturi jgawdu fuq il-passagg u dana minnufih; 2. m'ghandhomx jigu resi definittivi l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1825/94NA; 3. m'ghandux il-konvenut zmien qasir u perentorju jirrendi l-bokka tal-bir fi stat pristin tieghu billi jnehhi l-ostakolu li huwa pogga fuq il-bokka tieghu u ukoll jirripristina l-finestrun fil-bieb ta' barra; 4. fin-nuqqas m'ghandhomx l-atturi jaghmlu ix-xoghol huma stess a spejjez tal-konvenut; bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 1994 u tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut ingunt biex jidher in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Paul sive Grezzio Bonnici, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari, in-nullità ta' l-azzjoni ntavolata mill-attur billi skond il-ligi kellha tigi mharrka ukoll mart l-eccipjent riferibbilment ghax-xorta tal-pretensjonijiet attrici;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma dejjaq ebda passagg jew ghamel xi xogholijiet relatati mal-passagg in kwistjoni u lanqas ghalaq xi bir jew nehha xi fenistrin tal-bieb ta' barra ta' 36 St. Benedict Street, Kirkop, kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru, 2001 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:

"… filwaqt li tiddikjara li l-ewwel zewg talbiet huma proceduralment ezawriti in vista ta' dak li gie deciz fil-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi, tilqa' però it-tielet u r-raba' talbiet fit-termini kif indikat dettaljatament fil-paragrafu precedenti u qeghda tipprefiggi lill-konvenut zmien xahar mil-lum biex hu jottempera ruhhu konformement mas-suespost.

"Il-kap ta' l-ispejjez jithallas interament mill-konvenut";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"… li din hija kawza ta' spoll istitwita mill-atturi wara li allegatament il-konvenut abbuzivament ghamel xogholijiet f'entrata u gardina f'fond f'Hal Kirkop li jizbokkaw f'bieb bin-numru 36 Triq San Benedittu, proprjetà tal-atturi.

"Jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-konvenut a sua volta harrek civilment lill-atturi fuq il-kaz li trattandosi hawn ta' dritt ta' servitù ta' passagg, huwa (i.e. il-konvenut) kien lest joffri passagg/moghdija alternattiva ghal dak li kien hemm ezistenti u li kien ikkollegat mal-bieb fuq imsemmi u

eventwalment mal-gardina proprjetà ta' l-atturi. Jirrizulta wkoll li l-atturi, ghalkemm jirrikonoxxu li passagg alternattiv gie moghti lilhom mill-konvenut però b'danakollu dan il-passagg kien wiehed ingombrat talment li kien jaghmilha ferm diffikultuz ghalihom biex jaghmlu uzu minnu biex jghaddu bir-rigel jew bil-mutur. Di fatti l-ilment ewlieni tal-atturi huwa li kemm id-dhul mill-bieb numru 36, Triq San Benedettu u t-targa li tifred il-moghdija minn mal-gardina, u fejn allura hemm fetha, saru turgien gho[l]jin li jimpdeixxu l-passagg.

"Illi din il-Qorti kienet tistenna li bi ftit rieda tajba jintlahaq ftehim bonarju imma minkejja li jidher li saru tentattivi f'din id-direzzjoni, ftehim baqa' ma giex milhuq bejn il-kontendenti.

"Illi, wara li zammet access <u>in situ</u>, din il-Qorti hadet stampa cara tal-pozizzjoni attwali. Wara li semghet lill-partijiet u rat il-provi, qeghda tghaddi ghall-kostatazzjonijiet li gejjin:

(i) Illi t-targa gholja filata fil-bitha tal-bieb numru 36, Triq San Benedettu hija ta' ngombru u ghalhekk kemm din it-targa kif ukoll il-kanna tal-metall li tittraversaha orizzontalment ghandhom jitnehhew u f'kull kaz - biex ma jidholx ilma tax-xita, l-gholi m'ghandux jeccedi dak tal-ghatba tal-bieb adjacenti li mhux oghla minn xi pulzier u nofs mill-art;

ii) Illi l-passagg alternattiv li jaghti mill-bieb ta' barra sal-fetha li mbaghad taghti ghall-ghalqa ta' l-atturi ghandu jkun ta' wisa' bizzejjed li jippermetti l-access kemm bir-rigel kemm bil-mutur/ghodod agrikoli uzati mill-atturi;

iii) Li dan il-passagg ghandu jinzamm f'kull zmien nadif u bla ngombri jew xkiel ta' haxix hazin jew materjal iehor;

iv) Li l-fetha fuq wara tal-gardina li taghti ghall-ghalqa tal-attur ghandha tinzamm ta' wisgha tali li tippermetti access kif indikat fl-inciz precedenti;

v) Li l-bokka tax-xelter/bir li hemm fin-nofs tal-gardina ghandha tinzamm miftuha - salv gheluq ghal fini ta' sigurtà;

vi) Li t-targa li tipprovdi nzul jew access lejn l-ghalqa tal-atturi ghandha titbaxxa u tigi f'kull kaz livellata b'mod u manjiera li ma tkun ta' ebda ostakolu ghall-access kif hemm imsemmi fl-inciz numru (iii);

vii) Li dan ix-xoghol irid isir jew jigi pprovdut mill-konvenut fi zmien xahar mil-lum;"

Rat ir-rikors ta' appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti salv kull provvediment iehor li jidrilha xieraq fic-cirkostanzi bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi;

Rat ir-risposta ta' l-atturi illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi l-appell ghandu jigi michud *in toto*;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenuti kontra s-sentenza appellata, fi kliem ir-rikors ta' appell, huma s-segwenti:

"(a) Illi l-passagg alternattiv li jaghti mill-bieb ta' barra sal-fetha li mbaghad taghti ghall-ghalqa ta' l-attrici [*sic*], ma jippermettix access bir-rigel u bil-mutur/ghodod agrikoli imma bir-rigel biss. Dan billi l-passagg originali kien jippermetti biss access bir-rigel kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq citata;

(b) Illi ghall-istess raguni l-fetha fuq wara tal-gardina li taghti ghall-ghalqa ta' l-atturi m'ghandhiex ghalfejn tinzamm ta' wisa' tali li tippermetti access bir-rigel u bil-

mutur/ghodod agrikoli stante li tippermetti biss access bir-rigel;

(c) Illi in kwantu ghall-bir li hemm f'nofs il-gardina, din [*sic*] ma tistax tinzamm maghluqa ghaliex l-intimati ma jkunux jistghu jezercitaw is-servitù minn fuq il-passagg alternattiv."

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji (a) u (b) hawn fuq riprodotti tal-konvenuti ma jistghux jigu konsidrati ghar-raguni semplici segwenti: dina l-Qorti ma ghandha ebda dubbju illi dawn l-aggravji jirrigwardaw l-ewwel zewg (2) talbiet avanzati mill-atturi permezz ta' l-att ta' citazzjoni odjern u, kif jirrizulta mid-dispositiv tas-sentenza appellata, dwar dawn it-talbiet l-ewwel Qorti qalet <u>biss</u> hekk:

"… tiddikjara li l-ewwel zewg talbiet huma <u>proceduralment ezawriti</u> in vista ta' dak li gie deciz fil-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenuti avanzaw l-aggravju (c) illi permezz tieghu qed jippretendu illi "… kwantu ghall-bir li hemm f'nofs il-gardina, din ma tistax tinzamm <u>maghluqa</u> …" (sottlinear ta' dina l-Qorti) meta, permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti laqghet it-tielet (3) talba attrici illi permezz taghha, ghal dak illi jirrigwarda l-imsemmi bir, l-atturi talbu testawalment:

"ghaliex m'ghandux il-konvenut zmien qasir u perentorju jirrendi l-bokka tal-bir fi stat pristin tieghu billi <u>jnehhi l-ostakolu li huwa pogga fuq il-bokka tieghu</u> …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

A skans ta' ekwivoci, huwa utili illi jigi rilevat illi meta pprovdiet dwar it-tielet (3) talba attrici l-ewwel Qorti qalet:
"<u>tilqa</u>' … it-tielet talb[a] fit-termini kif indikat dettaljatament fil-paragrafu precedenti …";

Il-parti tal-"paragrafu precedenti" illi hija rilevanti ghall-finijiet tat-3 talba attrici hija is-subparagrafu "v" illi jaqra hekk:
"Li l-bokka tax-xelter/bir li hemm fin-nofs tal-gardina ghandha tinzamm miftuha - salv gheluq ghal fini ta' sigurtà" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Issa, jekk jista' jigi argumentat illi, permezz tal-frazi illi ghadha kemm giet sottlineata minn dina l-Qorti, l-ewwel Qorti b'xi mod ordnat illi f'certi hinijiet l-imsemmija bokka tista' tinzamm maghluqa, dan seta' jaghti lok ghal aggravju ghall-atturi – u mhux ghall-konvenuti - ghaliex huma l-atturi illi, kif già inghad, permezz tat-tielet talba taghhom qed jitolbu illi l-imsemmija bokka tinzamm miftuha;

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-aggravju (c) mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, minn dak illi inghad fil-konsiderazzjoni ta' l-aggravji tal-konvenuti kontra s-sentenza appellata, jirrizulta bl-aktar mod lampanti illi l-appell tal-konvenuti huwa wiehed frivolu u vessatorju u, konsegwentement, sejjer jittiehed l-infraskritt provvediment dwar il-kap ta' l-ispejjes;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu ta' xahar, stabbilit fil-parti dispozittiva ta' l-istess sentenza, ghandu jibda jiddekorri mil-lum;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti b'dan illi, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tordna illi l-konvenuti appellanti ihallsu spejjes doppji lill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------